MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 1158/2010

**L-Avukat Generali**
**vs**
**Stephen George Roger Smith, Cittadin Brittaniku, mwieled nhar it-23 ta' Mejju 1969, prezentement residenti gewwa l-habs HMP Wormwood Scrubs, P.O. Box 757, Du Cane Road, London W12 OAE, detentur tal-Passaport Brittaniku numru 037294739 u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2010 giet kjamata in kawza s-socjeta' bankarja Bank of Valletta p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali tal-10 ta' Novembru 2010 fejn intqal hekk:

1. Illi nhar il-5 ta' Jannar 2009, fuq talba ta' l-awtoritajiet gudizzjarji fir-Renju Unit, precizament il-*Crown*

*Prosecution Service*, l-Avukat Generali kien intavola talba għall-hrug ta' ordni ta' iffrizar ta' kontijiet bankarji, flejjes u proprjeta registrati f'isem Stephen George Roger Smith, wara li quddiem il-*Crown Court* ta' Harrow, fil-21 ta' Gunju 2006 Smith kien gie kundannat disa' (9) snin prigunerija fuq reati ta' pussess ta' droga kokajina kif ukoll ta' habi tal-vera provenjenza ta' flejjes gejjin bhala rikavat minn reat (riciklagg);

2. Illi minn ricerki li saru sussegwentement gie stabbilit illi Smith kellu kontijiet u flejjes mizmuma mal-bank Malti *Bank of Valletta plc.*, kif ukoll kien il-proprjetarju tal-fond numru sebgha (7), St. Joseph Street, G'Mangia, u tal-fond numru tlieta (3), Blokk C, Swieqi Residential Complex, Swieqi;

3. Illi l-Onorabbli Qorti Kriminali, permezz ta' digriet taghha ta' l-istess jum, kienet ordnat il-hrug ta' ordni ta' iffrizar fuq il-flejjes, kontijiet, u proprjeta li kienet tappartjeni u/jew li kienet registrata fuq Stephen George Roger Smith, liema ordni baqghet tiggedded ai termini ta' l-artikolu 10(2) tal-Kap. 373 u ta' l-artikolu 24C tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi b'komunikazzjoni mill-istess awtoritajiet gudizzjarji datata 12 ta' Frar 2010, l-esponent gie mgħarraf li wara li kienet inharget ordni ta' konfiska mill-*Crown Court* ta' Harrow nhar l-24 ta' Novembru 2008, fejn Smith kien inghata sat-2 ta' Settembru 2009 sabiex ihallas l-ammont ta' tmien mija u disa' u disghin elf sitt mija u dsatax-il Lira Sterlina u hamsa u sittin centezmu (£899,619.65), dan baqa' inadempjenti u ghalhekk kienet qed tintalab il-konfiska tal-proprjeta kollha li tappartjeni lil Smith;

5. Illi skond l-ahhar informazzjoni li għandu l-esponent, l-ammont li għadu dovut minghand l-intimat Stephen George Roger Smith huwa ta' sitt mija u hamsa u hamsin elf hames mija u disa' u sittin lira Sterlina (£655,569);

6. Illi l-esponent kien innotifika lill-intimat Smith bir-rikjesta tal-*Crown Prosecution Service* tar-Renju Unit, inkluz bid-dokumenti kollha rilevanti, fejn, permezz ta' dikjarazzjoni

datata 27 ta’ Settembru 2010 (ara Dok. E anness), l-intimat Stephen George Roger Smith ta l-kunsens tieghu ghall-konfiska taz-zewg proprjetajiet immobbli tieghu fuq imsemmija;

7. Illi ai termini ta’ l-artikolu 24D tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif rez applikabbli wkoll permezz ta’ l-artikolu 11 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-proprjeta u flejjes kollha ta’ l-intimat Smith għandhom jiġu konfiskati a favur tal-Gvern ta’ Malta;

8. Illi sabiex dan isir jehtieġ li tigi rikonoxxuta l-ordni ta’ konfiska barranija, u kontestwalment tigi revokata l-ordni ta’ iffrizar tal-5 ta’ Jannar 2009, kif estiza, u dan ai termini ta’ l-istess artikoli;

9. Illi ghalhekk l-esponent a tenur ta’ l-istess artikolu qed jintavola dan ir-rikors, flimkien mas-segwenti dokumenti li qed jigu hawn annessi:

Appendici A: Ordni ta’ Konfiska barranija;
Appendici B: Ordni ta’ Konfiska barranija kif emendata;
Appendici Ċ: Lista ta’ assi ta’ Smith;
Dok. D : Dokumentazzjoni mibghuta mill-Bank of Valletta p.l.c.;
Dok. E : Dikjarazzjoni ta’ l-intimat Stephen George Roger Smith;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tas-suespost joghogobha tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-proprjeta u flejjes li jappartjenu lill-intimat Stephen George Roger Smith ai termini ta’ l-artikolu 24D(7) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u provvedimenti li jidhrilha li jkunu xierqa u opportuni ai termini ta’ l-istess artikolu;

Rat illi l-intimat Stephen Smith gie notifikat b’dan ir-rikors a tenur tal-ligi (ara Dok. AG4 pagna 116 tal-process) u illi ma pprezentax risposta;

Rat ir-risposta tas-socjeta' intervenuta fil-kawza Bank of Valleta p.l.c. fejn intqal hekk:

1. Illi l-esponenti tinsab kreditrici tal-intimat Stephen George Roger Smith fis-somma ta' mija u wiehed u erbghin elf, mitejn u tmienja u tletin Euro u disgha u disghin centezmu (€141,238.99) bilanc ghad-debitu fil-Loan Accounts ta' Stephen Smith mas-socjeta' Bank of Valeltta p.l.c. flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-21 ta' April 2009 sal-jum tal-pagament effettiv;

Illi dan il-kreditu jinsab munit bi privileggi u b'ipoteki li jippregradwaw dawk ta' kwalsiasi kreditur iehor u dan partikolarment imma mhux esklussivament b'Ipoteka Numru 7884/2006 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u markata Dok. REG01, liema ipoteka tikkolpixxi l-beni kollha prezenti u futuri tal-istess Stephen George Roger Smith u addizzjonalment b'mod specifiku, l-immobbli ta' Triq il-Qasam u ta' Triq il-Qatta, Swieqi;

Illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tichad t-talba ghall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjeta li jappartjenu lil Stephen George Roger Smith stante illi l-esponenti igawdi drittijiet reali ta' proprjeta emanenti bil-privileggi u ipoteki fuq imsemmija;

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda predgudizzju, l-esponenti qeghda minn issa tirriserva d-dritt taghha li tissoleva l-vjolazzjonijiet kostituzzjonali fil-konfront taghha stante li l-imsemmija ordni ta' iffrizzar u sussegwenti konfiska fuq l-attiv ta' Stephen George Roger Smith kif imsemmija fir-rikors promotur illi wasslu ghal-talba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 24(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 11 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta huma jkun sehhew fi proceduri fejn l-esponenti ma kienitx part u ghalhekk ma nghatatx smigh xieraq fl-imsemmija proceduri bi vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Kap. 319 tal-Ligijiet ;

Illi di piu, tali konfiska tkun tammonta ghal-tehid forzuz tal-proprjeta tal-esponenti minghajr kumpens bi vjolazzjoni

tal-artikolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet (Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Ghar-ragunijiet suesposti l-esponenti umilmenti tissottometti illi t-talba tal-Avukat Generali ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent;

Rat id-dokumenti pprezentati mill-partijiet;

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Il-fatti li waslu ghal din it-talba kienu s-segwenti. L-Avukat Generali jirrileva li fil-5 ta’ Jannar 2009 hu rceva talba mill-awtoritajiet gudizjarji fir-Renju Unit cioe mill-Crown Prosecution Service sabiex jigu iffrizati l-kontijiet bankarji, flejjes u proprjeta registrati f’isem l-intimat f’Malta wara li l-istess intimat kien instab hati ta’ reati ta’ pussess ta’ droga kif ukoll ta’ reciklagg, u gie kundannat disa’ snin habs mill-Harrow Crown Court fil-21 ta’ Gunju 2006.

Il-Qorti Kriminali ta’ Malta kienet harget l-ordni fl-istess jum tal-5 ta’ Jannar 2009 liema ordni baqghet tiggedded ai termini tal-artikolu 10(2) tal-Kap. 373 li jaghmel referenza ghall-artikolu 24C tal-Kap. 101 fejn hemm l-poter tal-Qorti Kriminali biex issir din l-ordni ta’ iffrizar.

Fit-12 ta’ Frar 2010 l-Avukat Generali gie mgharraf illi wara li kienet harget ordni ta’ konfiska mill-Crown Court ta’ Harrow fl-24 ta’ Novembru 2008 fejn l-intimat kien inghata sat-2 ta’ Settembru 2009 sabiex ihallas l-ammont ta’ tmien mija u disa’ u disghin elf, sitt mija u dsatax-il lira Sterlina u hamsa u sittin centezmu (£899,619.65) l-istess intimat kien baqa’ inadempjenti, ghalkemm mill-informazzjoni li kellu l-Avukat Generali sal-prezentata tar-rikors odjern l-ammont li kien ghad jonqos x’jithallas kien ta’ sitt mija u hamsa u hamsin elf, hames mija u disa’ u sittin lira Sterlina (£655,569).

Din il-Qorti hi sprovista minn hafna mid-dokumentazzjoni li l-Avukat Generali jirreferi ghaliha fir-rikors tieghu pero mill-atti jirrizultaw il-confiscation orders li hargu fl-10 ta’ Gunju 2009 li varjat dik tal-24 ta’ Novembru 2008 (Annex A u B fil-process) fejn jirrizulta li l-intimat (li kien jinsab karcerat fil-habs ta’ Wormwood Scrubs l-Ingilterra) kien ordnat ihallas is-somma ta’ 899,619 liri Sterlini in konnessjoni ma kundanna ghal pussess ta’ drogi u intenzjoni ta’ spacc tal-istess. Fost il-proprjeta li giet konfiskata fl-imsemmija ordni ta’ konfiska kien hemm imsemmi kont kurrenti fil-Bank of Valletta f’Malta u zewg proprjetajiet immobiljari cioe dawk indikati bhala 7 St. Joseph Street Malta u Flat 3 Swieqi Complex Malta (fol. 16 tal-process).

Jirrizulta wkoll bhala fatt illi l-intimat kien ghamel dikjarazzjoni in relazzjoni ma’ din l-ordni ta’ konfiska fis-27 ta’ Settembru 2010 fejn ta l-kunsens tieghu ghal konfiska tal-proprjeta tieghu f’Malta li jissemmew f’Appendix D fid-dikjarazzjoni liema appendici pero ma hix annessa ma tali dikjarazzjoni li giet prezentata ma dawn l-atti.

Jirrizulta wkoll illi l-Bank of Valletta, intervenut fil-kawza, qed jivvanta drittijiet ipotekarji specjali fuq (1) l-appartament Blokk C, Apt. 3, Swieqi Residential Complex f’faccata fuq Triq il-Qasam u Triq il-Qatta, Swieqi, bid-drittijiet u pertinenzi tieghu inkluz washroom u parti diviza tal-bejt u garage numru 38 li jifforma parti mill-istess kumpless u (2) Blokk B, Apt. 7, Bellagio, St. Luke’s Road kantuniera ma’ St. Joseph Street, G’Mangia, limiti tal-Pieta Malta bid-drittijiet u pertinenzi tieghu inkluz parti indiviza tal-partijiet komuni eskluz il-bejt u l-arja, oltre privilegg specjali fuq il-fond hawn fuq indikat fis-Swieqi u dan in garanzija ghal hlas lura ta’ debitu dovut mill-istess intimat lil Bank of Valletta fis-somma ta’ circa Euros 141,238.99 u imghax. L-iskrizzjoni ipotekarja bin-numru ta’ registrazzjoni 07884 giet registrata fil-5 ta’ Mejju 2006.

**Ligi**

L-Avukat Generali qed jitlob li jigu konfiskati a favur tal-Gvern ta’ Malta il-proprjeta u flejjes li jappartjenu lill-intimat

Stephen George Roger Smith ai termini tal-artikolu 24D(7) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan is-subartikolu hu parti minn artikolu ampju li jittratta fuq l-enforzar ta' ordnijiet ta' konfiska barranin wara kundanna ghal reati quddiem dawk il-Qrati kompetenti. Il-ligi Maltija fl-artikolu 24D(1) tippermetti lill-Avukat Generali sabiex iressaq talba fil-Qrati Malta fejn jitlob li tigi ordnata l-enforzar tal-ordni ta' konfiska barranija. Ghal finijiet tal-ligi ordni ta' konfiska tinkludi kull sentenza, direzzjoni, dikjarazzjoni jew ordni ta' Qorti Kriminali jew Civili u tipprovdi ghal konfiska ta' rikavat, proprjeta li fiha r-rikavat ikun gie trasformat jew konvertit, proprjeta li maghha jkun thallat ir-rikavat u proprjeta li l-valur taghha jikkorrispondi ghal rikavat. Il-Qorti Maltija ghandha l-poter li ma tordnax l-enforzar ta' tali ordni jekk:

a) l-intimat ma kienx notifikat bl-atti li waslu ghal hrug tal-ordni ta' konfiska fejn allura ma kellux opportunita' jiddefendi ruhu kontra l-hrug tal-ordni;

b) l-ordni ta' konfiska ingiebet bi frodi ta' kwalsiasi persuna bi prejudizzju ghall-intimat;

c) l-ordni ta' konfiska barranija tmur kontra l-ordni pubbliku u l-ordni pubbliku intern kif inhu applikat f'Malta;

d) l-ordni ta' konfiska barranija tikkontjeni dispozizzjonijiet kontradittorji.

Dawn l-eskluzjonijiet ghandhom jinqraw ghal rashom u jekk jinstab li avverat wahda mill-eskluzjonijiet, allura l-ordni ta' konfiska barranija ma tkunx elegibbli ghall-enforzar f'Malta. Fin-nuqqas ta' tali eskluzjoni, id-decizjoni tal-Qorti li tordna l-enforzar tal-ordni ta' konfiska barranija ghandha l-effett li fil-fatt tikkostitwixxi trasferiment favur il-Gvern ta' Malta ta' kull haga u proprjeta li hawn f'Malta w ordnata fl-ordni ta' konfiska barranija. Ghal fini ta' registrazzjoni tat-trasferiment l-Avukat Generali jitqies bhala l-persuna li jista' jitlob ir-registrazzjoni tat-trasferiment effetwat bis-sentenza. Il-ligi wkoll titlob li l-ordni ta' konfiska jkun inhareg minn Qorti kompetenti tal-pajjiz mnejn ikun emana l-ordni (f'dan il-kaz l-Qorti

Kriminali Ingliza), in segwitu ghal reati li jikkostitwixxu wkoll reati taht l-artikolu 24A(i)(a sa e) tal-Kapitolu 101. Jidher li l-ordni saret skond il-ligi tal-pajjiz mnejn emanat u t-talba tal-Avukat Generali saret in virtu ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 24 sabiex jigi facilitat l-enforzar tal-ordni ta’ konfiska barranija in konnessjoni ma’ reati ta’ pussess u spacc ta’ droga kif ghandna wkoll fl-artikolu 24A(1) tal-Kap. 101. Il-ligi taghna taghmel limitazzjonijiet restrittivi fejn tali ordni tista’ ma tinghatax effett kif jidher aktar ’l fuq, pero ma jidhirx li ebda wahda minnhom hi applikabbli ghal kaz. L-intimat jirrizulta notifikat bl-atti kollha li waslu ghal hrug tal-ordni ta’ konfiska tant li hu ghamel dikjarazzjoni dwar il-proprjeta li kellu u li setghet tigi konfiskata biex tigi saldata l-multa imposta fuqu mill-Qorti Kriminali. Ma irrizulta ebda frodi biex il-proceduri waslu ghall-ordni ta’ konfiska u anqas li l-ordni ta’ konfiska tmur kontra l-ordni pubbliku tant li l-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandu provvedimenti simili dwar reati konnesi ma’ droga. Lanqas ma jidher li l-ordni barranija ta’ konfiska tikkontjeni dispozizzjonijiet kontradittorji.

Il-Qorti pero tirraviza inkonsistenza fit-talba tal-Avukat Generali ma’ dik li jirrizulta mill-ordni ta’ konfiska. L-ordni ta’ konfiska tirrigwarda proprjeta specifika tal-intimat bhala bazi ghal hlas tad-debitu li hu ghandu konsistenti fil-hlas tal-piena pekunjarja imposta fuqu. Ghalkemm l-Avukat Generali talab il-konfiska tal-proprjeta u flejjes li jappartjenu lill-intimat u dan b’mod generiku, fil-fatt qari tal-ordni ta’ konfiska barranija u l-prospett Appendici ’C’ jispecifika zewg proprjetajiet f’Malta li ghalkemm mhux cari fid-deskrizzjoni taghhom pero probabbilment jidhru li huma dawk li fuqhom il-Bank of Valletta ghandu ipoteka specjali fuqhom oltre dik generali fuq il-proprjeta tal-intimat, u somma flus depozitata f’isem l-intimat fil-Bank of Valletta. Tali ordni hi specifika ghal dawn l-assi u mhux wahda generali in sodisfazzjon ta’ somma pekunarja imposta mill-Qorti Ingliza. Fil-fatt l-artikolu 24D(7) hi cara fis-sens li d-decizjoni tal-Qorti Maltija fejn tordna l-enforzar ta’ ordni ta’ konfiska barranija jkollha l-effett li titrasferixxi favur il-Gvern ta’ Malta <u>kull proprjeta hawn Malta (tal-intimat) li l-konfiska taghha kienet ordnata fl-ordni ta’ konfiska barranija</u>. Il-ligi fil-fatt tipprovdi fl-artikolu 24(9)

ghal ordni generali ta' konfiska ta' proprjeta mhux specifika li jikkorrispondi ghal valur ta' rikavat jew ordni pekunjarja imposta fuq persuna kundannata ta' reat li jgib mieghu ordni ta' konfiska. Pero dan il-kaz hu wiehed differenti u ghalhekk it-talba tal-Avukat Generali ghalkemm gusta fit-termini tal-ligi trid tigi ristretta ghal dak kontenut fl-ordni ta' konfiska barranija.

**Talba tal-Bank of Valletta**

Jibqa' x'jigi diskuss is-sottomissjoni tal-intervenut fil-kawza cioe l-Bank of Valletta li filwaqt li jirrileva kawza ta' preferenza fuq l-immobbli li qed jintalab il-konfiska u trasferiment a favur tal-Gvern ta' Malta mill-Avukat Generali l-istess talba tigi michuda minhabba dawn id-drittijiet ta' preferenza.

Il-Qorti hi sodisfatta illi l-Bank of Valletta ghandu iskrizzjoni ipotekarja specjali oltre dik generali favur tieghu li ggib in-numru 07884 registrat fir-Registru Pubbliku fil-5 ta' Mejju 2006, liema iskrizzjoni tolqot iz-zewg proprjetajiet immobiljari in kwistjoni u li fuqhom l-Bank of Valletta ghandu kreditu ta' Euros 141,238.99 oltre imghaxijiet favur tieghu naxxenti minn self li ghamel l-istess intimat mill-Bank of Valletta. L-artikolu 2013 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi ipoteka specjali issegwi l-immobbli li maghha tkun intrabtet anki jekk tghaddi f'idejn terzi. Id-drittijiet ta' gradwazzjoni bejn kredituri bi privilegg jew ipoteka specjali fuq l-istess proprjeta jigi stabbilit skond l-ordni tal-kreditu jew id-data tal-iskrizzjoni tal-istess ipoteka specjali (art. 2069). L-artikolu 2070 izomm it-terz possessur responsabbli ghad-djun ipotekarji. L-artikolu 2071 imbaghad ikompli jghid illi t-terz possessur hu obbligat jirrinunzja bla ebda riserva l-immobbli kolpit b'tali ipoteka sakemm ma jhallas id-djun ipotekarji, meta jkunu dovuti, u sal-ammont li bih tkun marbuta l-proprjeta. L-artikolu 2072 tispecifika l-procedura li ghandha tittiehed mill-kreditur ipotekarju biex jigi saldat il-kreditu tieghu. Inoltre l-artikolu 2074 jistipula illi l-beneficcju ta' diskussjoni tad-debitur principali ma jistax jigi mqajjem kontra kredituri b'ipoteka specjali fuq l-immobbli. Hi l-opinjoni ta' din il-Qorti illi dawn l-artikoli tal-ligi

jissalvagwardaw id-drittijiet ipotekarji tal-Bank of Valletta fil-konfront tal-intimat u tal-Gvern ta' Malta rapprezentat mill-Avukat Generali f'din l-istanza f'decizjoni fejn il-Qorti tordna l-ezekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska u kontestwali trasferiment tal-proprjeta min idejn l-intimat cioe d-debitur tal-Bank of Valletta ghat-terz possessur cioe l-gvern ta' Malta. L-artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 ma jipprekludix lil Bank of Valletta milli tistwixxi proceduri biex tithallas dak dovut lilha u tezegwixxi d-drittijiet taghha skond il-ligi anki kontra l-Gvern ta' Malta basta li jigi segwit d-dispozitiv tal-istess artikolu fuq citat. Bit-trasferiment tal-immobbli li din is-sentenza ser tikkonferixxi ma jaghti ebda drittijiet godda lit-terz possessur li bihom il-Bank of Valletta ghandha tigi pregudikata fid-drittijiet taghha u dan minghajr pregudizzju ghal fatt li tali trasferiment mitlub f'din l-istanza hu espressament sanzjonat mill-ligi specjali u qed isir in forza ta' tali ligi.

**Konkluzjoni**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni maghmula mill-intervenut fil-kawza, u qeghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti Avukat Generali pero limitatament billi tordna l-konfiska u konsegwenti trasferiment mill-poter tal-intimat Stephen George  Roger Smith a favur tal-Gvern ta' Malta tal-fondi immobiljari Apartament 3 li jinsab fi Blokk C Swieqi Residential Complex, Swieqi l-blokk b'faccata fuq Triq il-Qasam u Triq il-Qatta, Swieqi bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu kif ukoll il-garage numru 38 sottopost ghall-istess blokk dan kollu kif deskritt fil-kuntratt ta' akkwist tas-17 ta' April 2006 Atti Nutar Josette Spiteri Cauchi, kif ukoll l-appartament numru 7 fil-Blokk B bl-isem Bellagio, St. Luke's Road kantuniera ma' St. Joseph Street, G'Mangia limiti tal-Pieta Malta bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu, kif ukoll s-somma ta' mija u sitta u disghin Euro (€169) ekwivalenti ghal liri Sterlini 166.01 li jinsabu depozitati f'kont kurrenti fil-Bank of Valletta.

L-ordni ta' trasferiment konsegwenti ghal esekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska barranija a favur tal-Gvern ta' Malta qed issir bla ebda pregudizzju u salv u impregudikati d-drittijiet

ta’ terzi u specifikament f’din l-istanza l-Bank of Valletta li ghandhom fuq il-proprjeta immobbli u mobbli trasferiti permezz ta’ din is-sentenza li ghal finijiet u sa fejn tippermetti l-ligi jibqghu mhux mittiefsa. Stante n-natura specjali tal-proceduri l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------